MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Numru 1006/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Raymond Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Raymond Zammit, ta' 37 sena imwieled il-Pieta nhar it-08 ta' Settembru, 1966, bin Joseph u Carmen nee' Field, u residenti Block 2, No. 11, Two Gate Street, L-Isla / Nru. 221, Triq FS Caruana, Birkirkara detentur ta' Karta ta' l-

identita’ Nru. 0370566(M) gie akkuzat talli fil-05 ta’ Dicembru, 2003 ghall-habta tat-08.30 pm gewwa Birkirkara, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Herman Zammit u Stephen Zammit f’periklu car wera dan il-hsieb b’atti esterjuri, u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt bi strument li jaqta’ u bil-ponta, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna feriti gravi, fuq il-persuna ta’ Herman Zammit, billi kkaguna debbulizza u permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem u li jggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn u dan hekk kif iccertifikat Dr. Moira Grech MD tal-Isptar San Luqa.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, post, hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta’ natura hafifa, fuq il-persuna ta’ Stephen Zammit, u dan hekk kif iccertifika Dr.G. Schembri M.D. tal-Isptar San Luqa.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, post, hin u cirkostanzi f’Malta zamm u garr strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Akkuzat ukoll talli fl-istess, data, post, hin u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika u hebb ghal Herman Zammit u Stephen Zammit biex jingurjahom u / jew jaghmel il-hsara.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tieghu datata 21 ta’ Novembru, 2005 (Ara fol. 187 tal-process) u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tal-5 ta’ Settembru, 2007 l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li qieghed

jiskuza ruhu tal-akkadut u dan fil-prezenza tal-parte civile Herman Zammit.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tal-5 ta' Settembru, 2007 il-parte civile Herman Zammit f'ismu u f'isem ibnu, il-parte civile Stephen Zammit, iddikjara li qed jaccetta l-iskuza maghmula mill-imputat u illi mill-att civili l-imputat issettilja dak kollu dovut rigwardanti dan il-kaz.

Inoltre l-istess parte civile Herman Zammit iddikjara ghal kull bon fini li da parti tieghu qieghed jahfer lill-imputat.

Inoltre innutat li fis-Seduta tal-5 ta' Settembru, 2007 l-imputat fil-prezenza ta' l-avukat difensur tieghu iddikjara li qieghed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat fil-konfront tal-imputat Raymond Zammit l-artikoli 214, 218, 221, 338(dd), 339(1)(d) u 533 tal-Kap 9 u l-artikolu 13 tal-Kap. 66 (illum artikolu 6 tal-Kap. 480) tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Raymond Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, l-fatt li fis-Seduta tal-5 ta' Settembru, 2007 l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li qieghed jiskuza ruhu tal-akkadut u dan fil-prezenza tal-parte civile Herman Zammit u dak dikjarat mill-parte civile Herman Zammit fil-Verbal tas-Seduta tal-5 ta' Settembru, 2007 u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Raymond Zammit ghall-piena

komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u mitejn Liri Maltin (Lm200) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Raymond Zammit jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Raymond Zammit ihallas fi zmien tmienja u ghoxrin (28) jum millum lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta’ hames mija u sebgha u sittin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm567.52c) rappresentanti l-ispejjes inkorsi rigward in-nomina tal-Esperti li jirrigwardaw dan il-kaz.

Inoltre il-Qorti, wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska tal-oggett esebit (sikkina b’manku ta’ lewn isfar) – Dokument 03 DFS 201 – (Ara Relazzjoni tal-Espert Robert Cardona Dok RC1).

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lill-imputat Raymond Zammit b’obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li jzomm il-kwiet ma’ Herman Zammit u Stephen Zammit u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kuhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Raymond Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------